**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 78/11**

**Henry sive Eric Micallef ID 871348(M), Rosabelle Mousu mart Saviour ID 643446(M) u Josette Scicluna mart Alfred ID 555443(M)**

**vs**

**Mounier Safta ID 241093(M) u Grace Safta ID 0248557(M) kif ukoll Rosanna Pisani, u b'digriet tal-Bord tal-20 ta' Gunju 2013 l-isem "Rosanna" gie korrett ghal "Roanna"**

**Illum, 15 ta' Dicembru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

Illi huma jikru l-fond 173/3, Triq Rudolfu, Sliema liema fond li ghandu entratura ohra wkoll minn Triq Rudolfu numru tal bieb mhux maghruf lill-intimati Safta versu l-kera ta' hames mitt Ewro (€500) fis-sena li jithallas darba fis-sena bil-quddiem.

Illi l-intimati Safta biddlu d-destinazzjoni tal-fond kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi l-intimati Safta ssullokaw jew assenjaw il-kera lil Roanna Pisani minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra r-risposta tal-intimata Roanna Pisani illi tghid hekk:

Illi preliminarjament r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma ghandhom l-interess guridiku li jipprosegwu f'din l-istanza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil mertu, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti tiddetjeni titolu validu fil-ligi u li l-ebda tibdil fid-destinazzjoni tal-fond ma sehhet;

Illi dan kollu ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri;

Ghaldaqstant l-esponenti qed tirrispingi il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kollha u topponi ghat-talbiet taghhom li ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimati Mounier Safta u Grace Safta minkejja li debitament notifikati bil-procedura tal-pubblikazzjoni, kif jirrizulta mir-riferti a folio 13 u a folio 17 tal-process, ma prezentaw l-ebda risposta;

Ra illi minkejja t-terminu lilhom koncess ghal darba, darbtejn, ir-rikorrenti ma prezentaw l-ebda nota ta' sottomissjonijiet;

Ra li permezz ta' nota a folio 103 tal-process l-intimata Roanna Pisani infurmat lill-Bord li ma hiex se tipprezenta l-ebda nota ta' sottomissjonijiet u ser tistrieh fuq il-provi in atti;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond.

Illi l-intimati konjugi Safta ma pprezentaw l-ebda risposta.

Illi l-intimata Roanna Pisani eccepiet illi (1) preliminarjament r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma ghandhom l-interess guridiku mehtieg mil-ligi; u (2) il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati

fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti tiddetjeni titolu validu fil-ligi u li l-ebda tibdil fid-destinazzjoni tal-fond ma sehhet.

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari, r-rikorrenti ma gabu l-ebda prova dwar l-interess guridiku taghhom. Il-provi tar-rikorrenti jikkonsistu biss fix-xhieda ta' Henry Micallef a folio 18 tal-process u fotokopja mhix awtentikata ta' skrittura ta' kera markata Dokument B a folio 23 tal-process. B'dawn il-provi, r-rikorrenti bl-ebda mod ma rribattew l-eccezzjoni ta' l-interess guridiku mressqa mill-intimata. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimata qeghda tigi milqugha u a bazi ta' tali eccezzjoni biss it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Il-Bord però se jezamina wkoll il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-mertu l-istess provi ma humiex bizzejjed sabiex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti ma ressqux provi u bizzejjed provi sabiex jirnexxu fit-talba taghhom. Il-principju huwa illi min jallega jrid jipprova nkella ma jirnexxix fit-talbiet tieghu.

Min-naha taghha l-intimata resqet diversi provi sabiex turi li hija qed tokkupa l-imsemmi fond b'titolu validu. Jibda biex jinghad illi l-kopja tal-iskrittura mressqa mir-rikorrenti a folio 23 tal-process hija kopja mhix awtentikata. Ir-rikorrenti jghidu li l-intimati Safta ma kellhomx id-dritt illi jissullokaw l-imsemmi fond. Illi l-klawsola numru 2 tidher illi tghid hekk però din il-verzjoni ma taqbilx mal-ftehim imressaq mill-intimata u dattilogrifat a folio 31 liema ftehim fil-fatt jghid "ghandhom il-jedd" u mhux "ma ghandhomx il-jedd". Il-Bord huwa tal-fehma li l-kopja mressqa mir-rikorrenti hija falsifikata u mbaghbsa sabiex giet taqra fin-negattiv.

Fil-fatt il-kopja tal-ftehim tal-21 ta' Gunju 2002 prezentata mill-intimata Pisani, jaghti dan id-dritt, u l-firma ta' Vincent Micallef fuq l-istess ftehim tikkonferma li l-intimati Safta kellhom dan id-dritt. Illi dan l-istess ftehim sar referenza ghalih ukoll fl-iskrittura tal-kera bejn l-intimati tas-27 ta' Gunju 2007 markata GS 1 a folio 67 tal-process. Mhux biss izda l-accettazzjoni tal-hlas tal-arretrati tal-kera li Safta kellha taghti, liema arretrati thallsu lil Micallef mill-intimata Roanna Pisani, turi li l-istess Micallef kien qieghed jaccetta lill-intimata Pisani bhala l-inkwilina gdida.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-intimata Roanna Pisani ghandha titolu validu fil-ligi sabiex tokkupa l-imsemmi fond u dan a bazi tal-istess ftehim.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur